# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

16 ta’ Ġunju 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Netwerk trans-Ewropew tat-trasport – Regolament (UE) Nru 1315/2013 – Artikolu 15(1) – Infrastruttura tat-trasport permezz ta’ passaġġi fuq l-ilma intern – Portijiet interni – Obbligu ta’ Stat Membru li jiżgura l-konnessjoni bejn il-portijiet interni u l-infrastruttura ta’ trasport bit-triq u ta’ trasport ferrovjarju – Tneħħija tal-konnessjoni ma wieħed minn dawn iż-żewġ tipi ta’ infrastruttura ta’ trasport – Kundizzjonijiet”

Fil-Kawża C-229/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-cour d’appel de Bruxelles (il-Belġju), permezz ta’ deċiżjoni tat-23 ta’ Marzu 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta’ April 2021, fil-proċedura

**Port de Bruxelles SA,**

**Région de Bruxelles-Capitale**

vs

**Infrabel SA,**

fil-preżenza ta’:

**FIF-FSI (Fonds d’Infrastructure Ferroviaire) SA,**

**État belge,**

**Région de Bruxelles-Capitale,**

**Port de Bruxelles SA,**

**Lineas SA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, I. Jarukaitis, M. Ilešič, D. Gratsias (Relatur) u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Reġistratur: C. Di Bella, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta’ Jannar 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Port de Bruxelles SA, minn L. Depré u B. De Beys, avocats,

– għar-Région de Brussell-Capitale, minn B. Cambier u T. Cambier, avocats,

– għal Infrabel SA, minn M. Baetens-Spetschinsky u P.-M. Louis, avocats,

– għall-Gvern Belġjan, minn S. Baeyens, P. Cottin, u C. Pochet, bħala aġenti, assistiti minn T. Eyskens, P. J. Geysens u A. Vandeburie, avocats,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. L. Kalėda, C. Vrignon u G. Wilms, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-31 ta’ Marzu 2022,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU 2013, L 348, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ żewġ kawżi bejn, tal-ewwel, Port de Bruxelles SA u Infrabel SA, l-amministratur tal-infrastruttura ferrovjarja fil-Belġju, u tat-tieni, ir-Région de Bruxelles–Capitale (il-Belġju) u Infrabel, dwar talba mressqa minn Port de Bruxelles SA intiża sabiex jiġi ordnat lil Infrabel iżżomm fi stat perfett ta’ funzjonament l-uniku mezz ta’ aċċess ferrovjarju tal-port ta’ Brussell (il-Belġju) man-netwerk ferrovjarju Belġjan.

### Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessi 7, 8 u 31 tar-Regolament Nru 1315/2013 jiddikjaraw:

“(7) Fil-parti l-kbira tiegħu, in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport jikkonsisti f’infrastruttura eżistenti. Sabiex jintlaħqu b’mod sħiħ l-objettivi tal-politika l-ġdida għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi dwar l-infrastruttura f’Regolament sabiex l-infrastruttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport tikkonforma magħhom.

(8) In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jiġi żviluppat permezz tal-ħolqien ta’ infrastruttura ġdida tat-trasport, permezz tar-riabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura eżistenti u permezz ta’ miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti tiegħu mil-lat ta’ riżorsi. F’każijiet speċifiċi, minħabba n-nuqqas ta’ manutenzjoni regolari fl-imgħoddi, hija neċessarja

r-riabilitazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja. Ir-riabilitazzjoni hija proċess li jwassal għall-kisba tal-parametri tal-kostruzzjoni oriġinali ta' faċilitajiet infrastrutturali ferrovjarji eżistenti kkumbinat mat-titjib fit-tul tal-kwalità tagħha meta mqabbla mal-istat attwali tiegħu f'konformità mal-applikazzjoni tar-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

[…]

(31) In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, minħabba l-iskala kbira tiegħu, għandu jipprovdi l-bażi għall-mobilizzazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, li, pereżempju, jistgħu jgħinu fit-titjib tal-effiċjenza ġenerali tas-settur Ewropew tat-trasport u jnaqqsu l-marka tal-karbonju tiegħu. Dan ser jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u għall-mira tal-White Paper [tal-Kummissjoni Ewropea tal-1 ta' Lulju 2011, intitolat "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011) 144 final)] ta' tnaqqis ta' 60 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2050 (fuq bażi tal-livelli tal-1990) u fl-istess ħin jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv taż-żieda tas-sigurtà tal-karburanti għall-Unjoni. […]"

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Suġġett", jipprevedi fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp ta' netwerk trans-Ewropew tat-trasport magħmul minn struttura b'żewġ livelli, li tikkonsisti min-netwerk komprensiv u min-netwerk ewlieni, fejn dan tal-aħħar jiġi stabbilit fuq il-bażi tan-netwerk komprensiv.

2. Dan ir-Regolament jidentifika proġetti ta' interess komuni u jispeċifika r-rekwiżiti li għandhom ikunu kkonformati għall-ġestjoni tal-infrastruttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament japplika għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport kif jidher fil-mapep li jinsabu fl-Anness I. […]

2. L-infrastruttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, tikkonsisti mill-infrastruttura għat-trasport bil-ferrovija, għat-trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni, għat-trasport bit-triq, għat-trasport marittimu, għat-trasport bl-ajru u għat-trasport multimodali, kif stabbilit fit-taqsimiet rilevanti tal-Kapitolu II."

6 L-Artikolu 3 tal-istess regolament, intitolat "Definizzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'proġett ta' interess komuni' tfisser kwalunkwe proġett imwettaq skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu;

[…]

(n) ‘trasport multimodali’ tfisser it-trasport ta’ passiġġieri jew merkanzija, jew tat-tnejn li huma, bl-użu ta’ żewġ mezzi ta’ trasport jew aktar;

[…]

(p) ‘nodu urban’ tfisser żona urbana fejn l-infrastruttura tat-trasport tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, bħal portijiet li jinkludu terminals tal-passsiġġieri, ajruporti, stazzjonijiet ferrovjarji, pjattaformi loġistiċi u terminals tal-merkanzija li jinsabu f’żoni urbani, u madwarhom hija konnessa ma’ partijiet oħrajn ta’ dik l-infrastruttura u mal-infrastruttura għat-traffiku reġjonali u lokali;

[…]

(s) ‘terminal tal-merkanzija’ tfisser struttura mgħammra għat-trasbord bejn tal-anqas żewġ mezzi ta’ trasport jew bejn żewġ sistemi ferrovjarji differenti, u għall-ħżin temporanju tal-merkanzija bħal portijiet, portijiet interni, ajruporti u terminals stradali-ferrovjarji;

[…]”

7 L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1315/2003, intitolat “Objettivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport”, jipprevedi:

“In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ żona unika ta’ trasport Ewropew li tkun effiċjenti u sostenibbli, li żżid il-benefiċċji għall-utenti tagħha u tappoġġa t-tkabbir inklussiv. Huwa għandu juri valur miżjud Ewropew billi jikkontribbwixxi għall-objettivi mniżżla fl-erba’ kategoriji li ġejjin:

[…]

(b) effiċjenza permezz ta’:

[…]

(iii) l-aħjar integrazzjoni u interkonnessjoni tal-mezzi kollha tat-trasport;

[…]

(v) użu effiċjenti ta’ infrastruttura ġdida u eżistenti;

[…]

(c) sostenibbiltà permezz ta’:

[…]

(ii) kontribut għall-objettivi ta’ emissjonijiet baxxi ta’ gassijiet serra, trasport nadif u b’emissjonijiet baxxi ta’ karbonju, sigurtà tal-karburant, tnaqqis ta’ kostijiet esterni u protezzjoni ambjentali;

(iii) promozzjoni ta' trasport b'karbonju baxx bil-għan li jintlaħaq it-tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet $CO_2$ sal-2050, f'konformità mal-miri rilevanti tal-Unjoni ta' tnaqqis ta' $CO_2$;

[...]"

8 L-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, intitolat "Netwerk b'użu effiċjenti ta' riżorsi", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jkun ippjanat, żviluppat u operat b'użu effiċjenti mil-lat ta' riżorsi, permezz ta':

(a) l-iżvilupp, it-titjib u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti;

(b) it-titjib tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-infrastruttura;

[...]"

9 L-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, intitolat "Struttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport fuq żewġ livelli", huwa redatt b'dan il-kliem:

"1. L-iżvilupp gradwali tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jintlaħaq, b'mod partikolari, bl-implimentazzjoni ta' struttura fuq żewġ livelli għal dak in-netwerk b'approċċ metodoloġiku koerenti u trasparenti, li jinkludi netwerk komprensiv u netwerk ewlieni.

2. In-netwerk komprensiv għandu jikkonsisti mill-infrastrutturi kollha eżistenti u ppjanati tat-trasport tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport kif ukoll miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti u soċjalment u ambjentalment sostenibbli ta' infrastrutturi bħal dawn. Għandu jiġi identifikat u żviluppat f'konformità mal-Kapitolu II.

3. In-netwerk ewlieni għandu jikkonsisti f'dawk il-partijiet tan-netwerk komprensiv li huma tal-ogħla importanza strateġika għall-ilħuq tal-għanijiet għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropewt tat-trasport. Għandu jiġi identifikat u żviluppat f'konformità mal-Kapitolu III."

10 Il-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1315/2013, intitolat "In-netwerk komprensiv", jinkludi l-Artikoli 9 sa 37. L-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", jiddikjara, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"In-netwerk komprensiv għandu:

[...]

(c) jissodisfa r-rekwiżiti għall-infrastrutturi tat-trasport stabbiliti f'dan il-Kapitolu;

[...]"

11 L-Artikolu 10 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Prijoritajiet ġenerali”, jipprevdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Fl-iżvilupp tan-netwerk komprensiv, għandha tingħata prijorità ġenerali lil miżuri li huma meħtieġa biex:

[…]

(b) tiġi żgurata l-aħjar integrazzjoni tal-mezzi ta’ trasport u interoperabbiltà fil-mezzi ta’ trasport;

[…]”

12 L-Artikolu 12 tal-istess regolament, intitolat “Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport”, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“It-terminals tat-trasport tal-merkanzija għandhom ikunu konnessi mal-infrastruttura tat-toroq jew, fejn possibbli, mal-infrastruttura tal-passaġġ fuq l-ilma intern tan-netwerk komprensiv.”

13 L-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1315/2013, intitolat “Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja”, huwa fformulat kif ġej:

“Fil-promozzjoni ta’ proġetti ta’ interess komuni relatati mal-infrastruttura ferrovjarja u b’żieda mal-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorità lill-aspetti li ġejjin:

[…]

(f) fejn adatt, il-konnessjoni tal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju mal-infrastruttura ta’ port ta’ passaġġ fuq l-ilma intern.”

14 L-Artikolu 14 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Komponenti tal-infrastruttura”, jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni għandha tinkludi b’mod partikolari:

[…]

(e) portijiet interni inkluża l-infrastruttura meħtieġa għall-operazzjonijiet tat-trasport fiż-żona tal-port;

[…]”

15 L-Artikolu 15 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport”, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-portijiet interni jkunu konnessi mal-infrastruttura tat-toroq jew dik ferrovjarja.”

16 L-Artikolu 16 tal-istess regolament, intitolat "Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni", huwa fformulat kif ġej:

"Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastrutturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni u b'żieda mal-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorità lill-dawn li ġejjin:

[…]

(d) il-konnessjoni tal-infrastruttura tal-portijiet interni mal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u dik tat-trasport bit-triq.

[…]"

17 Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1315/2013, intitolat "Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq":

"Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura tat-toroq u b'żieda mal-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorità lil dawn li ġejjin:

[…]

(e) il-mitigazzjoni tal-konġestjoni fit-toroq eżistenti."

18 L-Artikolu 28 ta' dan ir-regolament, intitolat "Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'mod ġust u mhux diskriminatorju, li:

(a) il-mezzi tat-trasport ikunu konnessi fi kwalunkwe post minn dawn li ġejjin: terminals tal-merkanzija, stazzjonijiet tal-passiġġieri, portijiet interni, ajruporti u portijiet marittimi li permezz tagħhom ikun possibbli t-trasport multimodali tal-passiġġieri u tal-merkanzija;

[…]"

19 L-Artikolu 30 tal-imsemmi regolament, intitolat "Nodi urbani", jipprevedi:

"Meta jkunu qegħdin jiżviluppaw in-netwerk komprensiv fin-nodi urbani, l-Istati Membri għandhom, fejn fattibbli, ikollhom l-għan li jiżguraw:

(a) għat-trasport tal-passiġġieri: interkonnessjoni bejn l-infrastruttura ferrovjarja, tat-toroq, tal-ajru u, kif xieraq, tal-passaġġi fuq l-ilma interni u dik marittima tan-netwerk komprensiv;

(b) għat-trasport tal-merkanzija: interkonnessjoni bejn l-infrastruttura ferrovjarja, tat-toroq, u kif xieraq, tal-passaġġi fuq l-ilma interni, u dik marittima u tal-ajru tan-netwerk komprensiv;

[…]"

20 L-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 1315/2013, intitolat "Identifikazzjoni tan-netwerk ewlieni", jiddikjara, fil-paragrafu 1;

"In-netwerk ewlieni, kif jidher fuq il-mapep li jinsabu fl-Anness I, għandu jikkonsisti minn dawk il-partijiet tan-netwerk komprensiv li huma tal-ogħla importanza mil-lat strateġiku sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, u għandu jirrifletti d-domanda tat-traffiku li qed tevolvi u l-ħtieġa għal trasport multimodali. […]"

21 Mill-Annessi I u II ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-infrastruttura portwali tal-port ta' Brussell tintegra ruħha fin-netwerk ewlieni fis-sens tal-Artikolu 6(1) u (3) tiegħu.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

22 Port de Bruxelles SA hija inkarigata mill-ġestjoni, mill-operat u mill-iżvilupp tal-kanal, tal-port ta' Brussell, tal-avanport, tal-installazzjonijiet portwali u tad-dipendenzi tagħhom fir-Reġjun ta' Bruxelles-Capitale.

23 Infrabel topera n-netwerk ferrovjarju Belġjan u hija l-proprjetarja tal-linji tal-ferrovija kif ukoll tal-assi neċessarji jew utli għal dan l-operat.

24 FIF-FSI SA (iktar 'il quddiem "FIF") hija inkarigata mill-ġestjoni u mill-valorizzazzjoni tal-artijiet u minn attivitajiet kummerċjali oħra fil-qasam tal-iżvilupp, tax-xiri u tal-bejgħ, tal-ġestjoni kif ukoll tal-finanzjament tal-proprjetà immobbli. Il-kapital kollu tagħha huwa indirettament miżmum mill-Istat Belġjan.

25 Żewġ digrieti rjali tal-14 ta' Ġunju 2004 (Moniteur belge tal-14 ta' Ġunju 2004, p. 51971) u tat-30 ta' Diċembru 2004 (Moniteur belge tat-30 ta' Diċembru 2004, p. 87338) jimponu fuq Infrabel tipproċedi, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, għad-dekummissjonar tal-installazzjonijiet ferrovjarji li jinsabu fis-sit imsejjaħ "Schaerbeek-Formation" fi Brussell (il-Belġju) u r-ripristinament tiegħu sabiex dan is-sit jiġi ttrasferit lil FIF liberu minn kull okkupazzjoni. Din tal-aħħar għandha d-dritt titlob kumpens finanzjarju fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' dawn ix-xogħlijiet minn Infrabel fit-termini previsti. Fost l-installazzjonijiet li għandhom jiġu żmantellati hemm dawk li jikkostitwixxu l-unika konnessjoni ferrovjarja tal-installazzjonijiet portwali tal-port ta' Brussell man-netwerk ferrovjarju Belġjan (iktar 'il quddiem is- "servizz ferrovjarja inkwistjoni").

26 Fit-12 ta' Ottubru 2018, Port de Bruxelles SA ħarrket lil Infrabel quddiem it-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju), sabiex din tal-aħħar tiġi pprojbita "milli twettaq kull att kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1315/2013 […], inkluż li tipproċedi għad-dekummissjonar tal-bini u tal-installazzjonijiet imsemmija minn [dan ir-regolament] u b'mod partikolari s-servizz ferrovjarju [inkwistjoni]".

27 Fit-30 ta' Ottubru 2018, Infrabel ħarrket lil FIF f'intervent forzat. L-Istat Belġjan intervjena volontarjament għall-proċedura fit-13 ta' Novembru 2018, sabiex is-sentenza li għandha tingħata tiġi invokata kontrih. Ir-Région de Bruxelles-Capitale u Lineas SA intervjenew ukoll fil-proċedura insostenn tat-talbiet ta' Port de Bruxelles SA.

28 Fl-14 ta' Marzu 2019, Port de Bruxelles SA talbet lit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża), bħala miżura provviżorja, tipprojbixxi lil Infrabel, fl-istennija ta' deċiżjoni definittiva fuq il-mertu tal-kawża, milli tipproċedi b'mod partikolari bit-twaqqif mis-servizz kif ukoll bid-dekummissjonar tas-servizz

ferrovjarju inkwistjoni, u biex tordnaha żżommu fi stat perfett ta' funzjonament. Min-naħa tagħha, Infrabel talbet b'mod partikolari lit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża), fil-każ li din tal-aħħar tilqa' t-talba għal miżuri provviżorji u fejn Infrabel tiġi prekluża milli teżegwixxi x-xogħlijiet previsti mid-digriet irjali tat-30 ta' Diċembru 2004, tipprojbixxi lil FIF milli titlobha kumpens sakemm tingħata deċiżjoni fuq il-mertu.

29 Fil-5 ta' Novembru 2019, matul il-proċedura, FIF u Infrabel ikkonkludew ftehim li permezz tiegħu huma, b'mod partikolari, ipposponew għat-30 ta' Ġunju 2021 id-data li fiha d-dekummissjonar tas-servizz ferrovjarju inkwistjoni kellu jiġi konkluż.

30 Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Diċembru 2019, it-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) iddikjara l-azzjoni ta' Port de Bruxelles SA inammissibbli, ħlief sa fejn din tal-aħħar tinvoka l-eżistenza ta' servitù insostenn ta' din l-azzjoni. Barra minn hekk, hija ċaħdet it-talba għal miżuri provviżorji ta' Port de Bruxelles SA, għar-raġuni li l-impenn meħud minn Infrabel fil-ftehim konkluż ma' FIF fil-5 ta' Novembru 2019 kien biżżejjed sabiex jirregola provviżorjament is-sitwazzjoni tal-partijiet.

31 Port de Bruxelles SA u r-Région de Bruxelles-Capitale kull waħda appellaw minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju), li, wara li kkonstatat li la Port de Bruxelles SA u lanqas ir-Reġjun ta' Bruxelles-Capitale ma kienu ressqu appell kontra l-Istat Belġjan u FIF konformement mar-regoli proċedurali nazzjonali, iddeċidiet li dawn l-aħħar żewġ partijiet kellhom jiġu esklużi. Barra minn hekk mid-dispożittiv tat-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-qorti tar-rinviju għaqqdet iż-żewġ proċeduri pendenti quddiemha.

32 Il-Qorti tar-rinviju tistaqsi dwar id-dritt, għal Port de Bruxelles SA, li tinvoka, quddiem il-qrati Belġjani, dritt suġġettiv li jirriżulta mill-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1315/2013. Hija tesponi li, skont l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ssuġġerita minn Port de Bruxelles SA, din timponi fuq l-Istati Membri, minn naħa, obbligu pożittiv, marbut mal-implimentazzjoni ta' sistema fejn l-infrastruttura ta' trasport tkun interkonnessa u li fil-kuntest tagħha l-Istati Membri jkollhom setgħa diskrezzjonali, kif ukoll, min-naħa l-oħra, obbligu negattiv, li jipprojbixxilhom milli jaġixxu b'mod li jmur kontra l-għanijiet ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari billi jippreġudikaw l-integrità tal-infrastruttura ta' trasport fis-seħħ.

33 Infrabel issostni li dan l-Artikolu 15 ma jistax jiġi interpretat fis-sens issuġġerit minn Port de Bruxelles SA. Fil-fatt, skont il-kliem tal-imsemmija dispożizzjoni, b'mod partikolari fil-verżjoni tagħha bil-lingwa Franċiża, il-portijiet interni għandhom jiġu konnessi jew ma' infrastruttura ta' trasport bit-triq jew ma' infrastruttura ta' trasport ferrovjarju peress li din il-verżjoni lingwistika tuża l-konġuzzjoni "ou" (jew).

34 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-verżjoni bil-lingwa Olandiża tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 ma tużax il-konġunzjoni "jew", iżda "u". Minn dan hija tiddeduċi li l-interpretazzjoni litterali ta' din id-dispożizzjoni ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi ddeterminat is-sens eżatt tagħha.

35 Skont din il-qorti, l-imsemmija dispożizzjoni tista' tingħata żewġ interpretazzjonijiet kunfliġġenti. Fil-fatt, mill-Artikolu 3(n) u mill-Artikolu 28(1) ta' dan ir-regolament jista' jiġi dedott li l-konnessjoni ta' infrastruttura ta' trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, bħal port

intern, ma’ tip wieħed ta’ infrastruttura oħra ta’ trasport hija biżżejjed sabiex l-obbligu jiġi ssodisfatt u li, f’dan il-każ, Port de Bruxelles SA għandha tkun issodisfatta bil-konnessjoni tal-infrastruttura portwali tagħha mal-infrastruttura ta’ trasport bit-triq.

36 Madankollu, tista’ tiġi sostnuta interpretazzjoni differenti tal-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament. Fil-fatt, mill-impenji tal-Kummissjoni li jinsabu fil-White paper tagħha, imsemmija b’mod partikolari fil-premessa 31 tal-istess regolament, kif ukoll mir-Regolament Nru 1315/2013 innifsu, jirriżulta li l-għanijiet ta’ dan tal-aħħar huma ta’ żewġ tipi, jiġifieri li tissaħħaħ il-kompetittività tat-trasport u li jitnaqqsu b’minn tal-inqas 60 %, sal-2050, l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra ġġenerati mit-trasport meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Barra minn hekk, interpretazzjoni tal-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, fis-sens li jipprojbixxi d-dekummissjonar ta’ konnessjoni ferrovjarja f’ċirkustanzi bħal dawk tal-każ ineżami tista’ tkun tistrieħ, b’mod partikolari, fuq l-Artikoli 5, 10 u 16 ta’ dan l-istess regolament, kif ukoll fuq il-linji gwida esposti fil-premessi 7 u 8 tiegħu.

37 F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-cour d’appell de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta’ Brussell) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“Meta port intern – li jifforma parti min-network ċentrali [netwerk ewlieni] – ikun diġà konness mal-infrastruttura tat-toroq u man-network ferrovjarju, l-Artikolu 15 tar-Regolament [Nru 1315/2013], moqri waħdu jew flimkien ma’ dispożizzjonijiet oħra tar-regolament, jimponi l-obbligu ta’ żamma u ta’ manteniment ta’ dawn iż-żewġ rotot jew l-obbligu li ma titneħħiex waħda minnhom, anki jekk minħabba sempliċi nuqqas ta’ manteniment?”

**Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

38 Il-qorti tar-rinviju talbet, fuq il-bażi tal-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din il-kawża tiġi suġġetta għal proċedura mħaffa. Insostenn ta’ din it-talba, hija ssostni li, sabiex tiġi żgurata l-effettività ta’ din is-sentenza, hija pprojbixxiet lil Infrabel milli tiżmantella s-servizz ferrovjarju inkwistjoni sakemm il-kawża tinqata’ mill-ġdid, wara li tkun irċeviet ir-rispota tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula. Issa, din l-istess kumpannija hija bħala prinċipju marbuta, mill-1 ta’ Lulju 2021, tħallas kumpens lil FIF preċiżament minħabba d-dewmien fid-dekummissjonar ta’ dan is-servizz.

39 L-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura jipprevedi li, fuq talba tal-qorti tar-rinviju jew, f’każijiet eċċezzjonali, *ex officio*, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jista’, wara li jinstemgħu l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, jiddeċiedi li jissuġġetta rinviju għal deċiżjoni preliminari għal proċedura mħaffa meta n-natura tal-kawża tirrikjedi li tiġi ttrattata f’qasir żmien.

40 Għandu jitfakkar li tali proċedura mħaffa tikkostitwixxi strument proċedurali intiż li jissodisfa sitwazzjoni ta’ urġenza straordinarja (sentenza tat-22 ta’ Marzu 2022, Prokurator Generalny *et* (Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-508/19, EU:C:2022:201, punt 37).

41 F’dan il-każ, fl-4 ta’ Mejju 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda, wara li nstemgħu l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, li ma kienx hemm lok li tintlaqa’ t-talba msemmija fil-punt 38 ta’ din is-sentenza.

42 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sempliċi interessi ekonomiċi, ikunu kemm ikunu importanti u leġittimi, ma humiex ta' natura li jiġġustifikaw, waħedhom, l-użu ta' proċedura mħaffa (sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Energieversorgungscenter Dresden-Wilschdorf, C-938/19, EU:C:2021:908, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Barra minn hekk, anki fil-każ li din il-kawża tkun suġġetta għall-proċedura mħaffa, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula ma tistax, fi kwalunkwe każ, issir qabel it-30 ta' Ġunju 2021.

44 Permezz ta' deċiżjoni tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċieda li l-informazzjoni trażmessa mill-qorti tar-rinviju kienet tiġġustifika trattament prijoritarju tal-kawża taħt l-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

**Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari**

45 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, Infrabel issostni, essenzjalment, li Port de Bruxelles SA ma tistax, fi kwalunkwe każ, tinvoka favuriha, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013, peress li din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni għall-implimentazzjoni tagħha. Fil-fatt, l-eżistenza ta' tali marġni ta' diskrezzjoni tipprekludi li, fin-nuqqas ta' miżuri ta' implimentazzjoni adottati mill-Istat Membru kkonċernat, individwu jkun jista' jinvoka direttament id-drittijiet li jirriżultaw mill-imsemmija dispożizzjoni.

46 Sa fejn dan l-argument għandu jinftiehem fis-sens li, permezz tiegħu, Infrabel tqiegħed inkwistjoni r-rilevanza tad-domanda preliminari għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali u, għaldaqstant, l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, dan ma jistax jintlaqa'.

47 Fil-fatt, minn naħa, għandu jitfakkar li, bis-saħħa tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, ir-Regolament huwa vinkolanti fl-elementi kollha tiegħu u li huwa direttament applikabbli f'kull Stat Membru. B'hekk, minħabba s-sempliċi natura tagħhom u funzjoni tagħhom fis-sistema ta' sorsi tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti għandhom, bħala regola ġenerali, effett immedjat fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali mingħajr ma jkun neċessarju li l-awtoritajiet nazzjonali jadottaw miżuri ta' applikazzjoni (sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Ursa Major Services, C-814/18, EU:C:2020:27, punt 33).

48 Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 jipprekludix, bħala prinċipju, it-tneħħija tal-konnessjoni ferrovjarja ta' port intern f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, jew jekk jirrikonoxxix lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam tikkostitwixxi, preċiżament, is-suġġett tad-domanda preliminari, b'tali mod li n-natura ammissibbli tat-talba għal deċiżjoni preliminari ma tistax titqiegħed inkwistjoni għar-raġuni invokata minn Infrabel.

**Fuq id-domanda preliminari**

49 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta port intern li jaqa' taħt in-netwerk ewlieni, fis-sens tal-Artikolu 6(1) u (3) u tal-Artikolu 38 ta' dan ir-regolament, ikollu konnessjonijiet kemm ma' infrastrutturi ta' trasport bit-triq kif ukoll ma' infrastrutturi ta' trasport ferrovjarju, jipprekludi t-tneħħija ta' wieħed minn dawn iż-żewġ tipi ta' konnessjonijiet.

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, preliminarjament, li għalkemm l-Artikolu 15(1) tal-imsemmi regolament jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-portijiet interni jkunu konnessi mal-infrastruttura tat-toroq jew ferrovjarja u għalhekk jikkonċerna l-portijiet interni, id-domanda preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni f'ċirkustanzi fejn tali port, bħall-port ta' Brussell, jaqa' taħt in-netwerk ċentrali, fis-sens ta' dan l-istess regolament.

51 Issa, dan l-Artikolu 15 jinsab fil-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1315/2013 dwar, skont it-titolu tiegħu, in-netwerk komprensiv, li jissemma fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-regolament. Kif jirriżulta mill-Artikolu 6(3) u mill-Artikolu 38(1) tal-imsemmi regolament, in-netwerk ewlieni jikkonsisti mill-partijiet tan-netwerk komprensiv li huma tal-ogħla importanza strateġika sabiex jintlaħqu l-għanijiet għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

52 Għalkemm jirriżulta inkontestabbilment minn dawn l-aħħar dispożizzjonijiet li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2003 japplika fil-każ ta' port intern li jaqa' taħt in-netwerk ewlieni, xorta jibqa' l-fatt li huwa applikabbli b'mod iktar ġenerali għal kull port intern tan-netwerk komprensiv, irrispettivament minn jekk jaqax b'mod partikolari taħt in-netwerk ewlieni.

53 Konsegwentement, hemm lok li tiġi eżaminata d-domanda magħmula sa fejn din tirrigwarda port intern li jaqa' taħt in-netwerk komprensiv, fis-sens tal-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament Nru 1315/2013, u li diġà għandu konnessjonijiet kemm ma' infrastruttura tat-trasport bit-triq kif ukoll ma' infrastruttura tat-trasport ferrovjarju.

54 Konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-kliem ta' din id-dispożizzjoni iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenza tat-28 ta' Jannar 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tardiv), C-122/18, EU:C:2020:41, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013, għandu jiġi kkonstatat li, kif enfasizzaw ġustament rispettivament il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Belġjan, il-verżjonijiet bil-lingwa Olandiża u Bulgara ta' din id-dispożizzjoni jużaw, bejn it-termini "infrastruttura tat-toroq" u t-terminu "ferrovjarji", il-konġunzjoni "u", li jagħti x'jifhem li l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li l-portijiet iżommu l-konnessjonijiet eżistenti jagħtuhom aċċess għal infrastruttura kemm tat-toroq kif ukoll ferrovjarja. Min-naħa l-oħra, b'mod partikolari bil-lingwa Ġermaniża, Griega, Ingliża, Franċiża, Irlandiża, Taljana, Litwana, Ungeriża u Slovena, tintuża l-konġunzjoni "jew".

56 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni huma awtorevoli ugwalment u ma tistax tingħata natura prijoritarja lil waħda minn fosthom fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra peress li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi kollha tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi, C-561/19, EU:C:2021:799, punti 42 u 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 B'hekk, fil-każ ta' diskrepanza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' test tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata skont il-kuntest u l-għan tal-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Yieh United Steel vs Il-Kummissjoni, C-79/20 P, EU:C:2022:305, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li s-sempliċi formulazzjoni tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 ma tippermettix li jiġi ddeterminat jekk, fil-każ ta' port intern li jaqa' taħt in-netwerk komprensiv li diġà għandu konnessjonijiet kemm ma' infrastruttura ta' trasport bit-triq kif ukoll ma' infrastruttura ta' trasport ferrovjarju, huwiex permess lill-Istat Membru kkonċernat ineħħi waħda minn dawn iż-żewġ konnessjonijiet sabiex iżomm biss l-oħra, ġaladarba l-obbligu għall-Istat Membru kkonċernat, previst minn din id-dispożizzjoni, li jiżgura li l-port intern inkwistjoni jkun koness "mal-infrastruttura tat-toroq jew dik ferrovjarja", jista' jinftiehem ukoll fis-sens li dan l-Istat Membru għandu jagħti attenzjoni partikolari għal konnessjoni jew oħra minn dawn it-tnejn skont il-ħtiġijiet tiegħu b'mod partikolari fil-qasam tal-manutenzjoni.

59 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest li fih jidħol l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013, għandu jiġi rrilevat li, kif jipprevedi l-Artikolu 1(1) tiegħu, dan ir-regolament għandu l-għan li jistabbilixxi "linji gwida għall-iżvilupp ta' netwerk trans-Ewropew tat-trasport magħmul minn struttura b'żewġ livelli, li tikkonsisti min-netwerk komprensiv u min-netwerk ewlieni, fejn dan tal-aħħar jiġi stabbilit fuq il-bażi tan-netwerk komprensiv."

60 Mill-Artikolu 10(1)(b) tal-istess regolament, li jagħmel parti mill-Kapitolu II dwar in-netwerk komprensiv, jirriżulta li, waqt l-iżvilupp tan-netwerk komprensiv, il-prijorità ġenerali tingħata b'mod partikolari lill-miżuri neċessarji bil-għan, b'mod partikolari, li tiġi żgurata integrazzjoni ottimali tal-mezzi ta' trasport u l-interoperabbiltà bejniethom.

61 Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1315/2013, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 9 u 10 tiegħu, huma miġbura f'seba' taqsimiet, fosthom it-Taqsima 1, dwar l-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju, it-Taqsima 2, dwar l-infrastruttura tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, li tinkludi l-Artikolu 15, ikkonċernat mid-domanda preliminari, it-Taqsima 3, dwar l-infrastruttura tat-trasport bit-triq, it-Taqsima 6, dwar l-infrastruttura għat-trasport multimodali u, fl-aħħar nett, it-Taqsima 7, li tiġbor dispożizzjonijiet komuni.

62 Fir-rigward tal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju, l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 jipprevedi li t-terminals tat-trasport tal-merkanzija għandhom ikunu konnessi mal-infrastruttura tat-toroq jew, fejn possibbli, mal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni tan-netwerk komprensiv.

63 Barra minn hekk, mill-Artikolu 13(f) ta' dan ir-regolament jirriżulta li, fil-kuntest tal-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni marbuta mal-infrastruttura ferrovjarja għandha tingħata prijorità, jekk ikun il-każ, għall-konnessjoni tal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju mal-infrastruttura portwali tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

64 Bl-istess mod, fir-rigward tal-infrastruttura tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, l-Artikolu 16 (d) tal-imsemmi regolament jipprevedi li, fil-kuntest tal-promozzjoni ta' proġetti ta' interessi komuni marbuta mal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni, il-prijorità tingħata b'mod partikolari għall-konnessjoni tal-infrastruttura portwali interna mal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju ta' merkanzija u ta' trasport bit-triq.

65 Fir-rigward tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq, l-Artikolu 19(e) tal-istess regolament jipprovdi li, fil-kuntest tal-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni marbuta ma' din l-infrastruttura, il-prijorità tingħata b'mod partikolari għall-mitigazzjoni tal-konġestjoni tan-netwerk tat-toroq attwali.

66 Fir-rigward tal-infrastruttura għat-trasport multimodali, fis-sens tal-Artikolu 3(n) tar-Regolament Nru 1315/2013, l-Artikolu 28(1)(a) tiegħu jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'mod ġust u nondiskriminatorju, li l-modi ta' trasport ikunu konnessi ma' mill-inqas komponent wieħed fost it-terminals tal-merkanzija, l-istazzjonijiet tal-passiġġieri, il-portijiet interni, l-ajruporti u l-portijiet marittimi, sabiex jippermettu t-trasport multimodali ta' passiġġieri u ta' merkanzija.

67 Għandu jissemma wkoll, skont id-dispożizzjonijiet komuni, l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1315/2013, dwar in-nodi urbani, iddefiniti fl-Artikolu 3(p) tiegħu.

68 Mill-imsemmi Artikolu 30(a) u (b) jirriżulta li, fil-kuntest tal-iżvilupp tan-netwerk komprensiv fin-nodi urbani, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, sa fejn ikun possibbli, l-interkonnessjoni bejn, b'mod partikolari, l-infrastruttura ferrovjarja, tat-toroq u, jekk ikun il-każ, ta' navigazzjoni interna, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għat-trasport tal-merkanzija.

69 Għalhekk mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 59 sa 68 ta' din is-sentenza jista' jiġi dedott li, għalkemm ir-Regolament Nru 1315/2013 ma jimponix fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat intiż li jiżgura, fil-każijiet kollha, il-konnessjoni tal-portijiet interni li jaqgħu taħt in-netwerk komprensiv kemm mal-infrastruttura tat-trasport bit-triq kif ukoll mal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju, dan ir-regolament jirrakkomanda l-istabbiliment, sa fejn ikun possibbli, ta' diversi konnessjonijiet ta' tali portijiet ma' tipi oħra ta' infrastruttura ta' trasport.

70 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li kemm il-premessi 7 u 8 tal-imsemmi regolament kif ukoll l-Artikolu 4(b)(v), l-Artikolu 5(1)(a) u l-Artikolu 6(2) ta' dan l-istess regolament jagħmlu distinzjoni bejn l-infrastruttura "eżistenti" u l-infrastruttura "ġdida" jew "ippjanata". Din id-distinzjoni timmilita favur riflessjoni tagħha fid-definizzjoni tal-portata tal-obbligi tal-Istati Membri.

71 L-analiżi tal-kuntest li fih jidħol l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 twassal, għalhekk, biex jiġi kkunsidrat li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li, bħala prinċipju, hija tipprekludi t-tneħħija, fejn jirrigwarda port intern li diġà għandu konnessjonijiet kemm ma' infrastruttura tat-trasport bit-triq kif ukoll għal infrastruttura tat-trasport ferrovjarju, tal-konnessjoni tagħha ma' wieħed minn dawn iż-żewġ tipi ta' infrastruttura.

72 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkonstatat li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-għanijiet tan-netwerk Ewropew ta' trażmissjoni, kif jirriżultaw mill-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1315/2013 isostni tali interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament.

73 Fil-fatt, l-ewwel, l-Artikolu 4(b)(iii) tal-imsemmi regolament jipprevedi li n-netwerk trans-Ewropew tat-trasport jikkontribwixxi għall-għan ta' effikaċja permezz tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni ottimali tal-mezzi kollha ta' trasport.

74 Fl-istess sens, l-Artikolu 5(1) tal-istess regolament jipprovdi, fil-punti (a) u (b) rispettivament ta' dan il-paragrafu, li n-netwerk trans-Ewropew huwa ppjanat, żviluppat u operat b'mod ekonomiku fejn jidħlu riżorsi permezz, minn naħa, tal-iżvilupp, it-titjib u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti kif ukoll, min-naħa l-oħra, ottimizzazzjoni tal-integrazzjoni u tal-interkonnessjoni tal-infrastruttura.

75 It-tieni, fir-rigward b'mod partikolari tal-konnessjoni ta' port intern mal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan ta' sostenibbiltà, iddikjarat fl-Artikolu 4(c) tar-Regolament Nru 1315/2013, moqri fid-dawl tal-premessa 31 ta' dan

ir-regolament. Minn dan jirriżulta li n-netwerk trans-Ewropew tat-trasport huwa intiż li jikkontribwixxi għat-twettiq ta' dan l-għan, b'mod partikolari, permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, billi jagħti l-preferenza lil sistemi ta' trasport b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

76 Issa, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 63 u 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, it-trasport ferrovjarju jaqa' taħt tali sistemi ta' trasport, li hija r-raġuni għalfejn il-White Paper tal-Kummissjoni, imsemmija fil-premessa 31 tal-imsemmi regolament, tinkoraġġixxi l-użu tagħha.

77 It-tielet, iż-żamma tal-konnessjoni għall-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju li minnha jibbenefika port intern, billi jiġi ffavorit l-użu ta' trasport ferrovjarju minflok bit-triq, tikkontribwixxi wkoll għall-għan ta' tnaqqis tal-konġestjoni tan-netwerk tat-toroq, li jikkostitwixxi waħda mill-prijoritajiet tal-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif jirriżulta mill-Artikolu 19(e) tar-Regolament Nru 1315/2013.

78 Għaldaqstant, fid-dawl tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mir-Regolament Nru 1315/2013, b'mod partikolari fil-qasam ambjentali, tas-sigurtà tat-traffiku u tal-ippjanar tat-territorju, ċirkustanzi eċċezzjonali jistgħu, *a priori*, jiġġustifikaw it-tneħħija tal-konnessjoni ta' port intern mal-infrastruttura ta' trasport jew bit-triq jew ferrovjarju, mingħajr ma l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 jipprekludi dan.

79 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li s-sostituzzjoni ta' tali konnessjoni eżistenti b'konnessjoni ġdida mal-istess tip ta' infrastruttura, li tibda topera fl-istess ħin li titneħħa l-konnessjoni li hija tissostitwixxi, ma tistax titqies bħala tneħħija tal-konnessjoni tal-port intern ikkonċernat mal-imsemmija infrastruttura.

80 Fir-rigward tar-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw, eċċezzjonalment, it-tneħħija, mingħajr sostituzzjoni, tal-konnessjoni ta' port intern mal-infrastruttura tat-trasport bit-triq jew ferrovjarju, huwa biżżejjed, f'dan il-każ, li jiġi rrilevat, fid-dawl tal-argumenti esposti fl-osservazzjonijiet bil-miktub sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, li r-riskju li din ir-rotta jkollha għas-sigurtà tat-trasport meta dan ir-riskju jirriżulta minn nuqqas ta' manutenzjoni tal-infrastruttura ta' trasport inkwistjoni mill-awtoritajiet responsabbli tal-Istat Membru kkonċernat ma jistax jikkostitwixxi tali raġuni.

81 Bl-istess mod, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, raġunijiet marbuta mal-valur tal-artijiet okkupati minn konnessjoni ta' port intern mal-infrastruttura tat-trasport bit-triq jew ferrovjarju u mal-użu possibbli ta' dawn l-artijiet b'mod ekonomikament iktar vantaġġuż ma jistgħux jiġġustifikaw it-tneħħija ta' din il-konnessjoni.

82 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta port intern li jaqa' taħt in-netwerk komprensiv, fis-sens tal-Artikolu 6(1) u (2) ta' dan ir-regolament, ikollu konnessjonijiet kemm ma' infrastruttura tat-trasport bit-triq kif ukoll ma' infrastruttura tat-trasport ferrovjarju, huwa jippreludi, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, it-tneħħija ta' wieħed minn dawn iż-żewġ tipi ta' konnessjonijiet. In-nuqqas ta' manutenzjoni tal-konnessjoni inkwistjoni, li tirriżulta mill-ksur ta' din id-dispożizzjoni, jew l-iżvilupp ekonomiku tal-artijiet okkupati minn din l-infrastruttura ma jikkostitwixxux tali ċirkustanzi.

**Fuq l-ispejjeż**

83 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta port intern li jaqa’ taħt in-netwerk komprensiv, fis-sens tal-Artikolu 6(1) u (2) ta’ dan ir-regolament, ikollu konnessjonijiet kemm ma’ infrastruttura tat-trasport bit-triq kif ukoll ma’ infrastruttura tat-trasport ferrovjarju, huwa jippreskludi, ħlief f’ċirkustanzi eċċezzjonali, it-tneħħija ta’ wieħed minn dawn iż-żewġ tipi ta’ konnessjonijiet. In-nuqqas ta’ manutenzjoni tal-konnessjoni inkwistjoni, li tirriżulta mill-ksur ta’ din id-dispożizzjoni, jew l-iżvilupp ekonomiku tal-artijiet okkupati minn din l-infrastruttura ma jikkostitwixxux tali ċirkustanzi.**

Firem